MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 181/2010

**Z X**
**vs**
**P Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta’ Novembru 2005, u minn dan iz-zwieg m’ ghandhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [g] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha, filwaqt li ddikjara li jaderixxi mat-talba, ikkontesta li r-responsabbilita’ ghan-nullita;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-26 ta' Novembru 2005 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu fuq citat.

Minn naha tieghu l-konvenut fir-risposta guramentata qed jikkontesta r-responsabbilta' tieghu, izda fix-xhieda tieghu jammetti fatti li jwasslu ghall-annullament taz-zwieg.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Novembru 2005 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tmien [8] snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' kwazi sentejn, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-2 ta' Marzu 2010 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li sa minn qabel l-gherusija l-konvenut kien jghid li hu ma kienx irid tfal fiz-zwieg, ghax skond il-konvenut, "it-tfal johdulu l-mara."[1] Izda f' dak iz-zmien l-attrici, ghalkemm kienet urietu li hi ma kienitx taqbel mal-fehema tieghu, xorta wahda kompliet bir-relazzjoni u biz-zwieg, bl-isperanza li biz-zmien il-konvenut ibiddel fehemtu.

Wara circa sena u nofs ta' konvivenza matrimonjali, l-attrici kienet bdiet tinsisti mal-konvenut sabiex huma jaghmlu l-att taz-zwieg bl-iskop li jkollhom it-tfal; izda l-konvenut, kien jirrifjuta u kien webbes rasu. Di fatti l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni minn naha tieghu.

[1] Fol.41

Dan kien fonti ta’ nkwiet kbir bejn il-partijet, li pprecipita meta l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed jara mara ohra.

Il-konvenut minn naha tieghu jikkonferma din il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici. Jghid li hu jibza’ minnhom it-tfal, u jsostni li dan il-fatt kien ghamlu car lill-attrici anke qabel iz-zwieg; izda din, allura gharusa, “qatt ma tatni daqshekk hassle fuqha l-haga …. nahseb li stennietni nbiddel l-opinjoni.”[2]

Din il-verzjoni giet konfermata wkoll mill-Arcipriet ta’ Haz Zebbug li kkonferma li, xi snin wara li kien zewwighom, l-attur “kien stqarr li hu assolutament ma riedx tfal. Hass li kellu xi biza’ mit-tfal. Anke lejn tfal ta’ terzi, kien jingibed lura, ahseb u ara kieku kellhom ikunu tieghu, kien stqarr mieghi.”[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm esternament dana ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu eskluda obbligu essenzjali tal-hajja konjugali, u cioe’ dak tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ Novembru 2005.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

[2] Fol.56
[3] Fol.32

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------